4
13.4

Prof. P. PAWL TABONE, O.F.M.

KUMMISSARJU TAT-TERRA SANTA

# IT-TERRA SANTA
# JEW
# L-ART IMQADDSA

*It-Tieni Ħarġa*

Meħud minn "Leħen is-Sewwa"
tal-11 ta' Ġunju 1947.

MALTA 1951

Prof. P. PAWL TABONE, O.F.M.

KUMMISSARJU TAT-TERRA SANTA

# IT-TERRA SANTA

# JEW

# L-ART IMQADDSA

*It-Tieni Ħarġa*

Meħud minn "Leħen is-Sewwa"
tal-11 ta' Ġunju 1947.

MALTA 1951

LILL-

**W.R. Patri FONS ATTARD, O.F.M.**

LI GĦAL TNAX-IL SENA SĦAĦ

KIEN KUMMISSARJU GĦAQLI

TAT-TERRA SANTA

# IT-TERRA SANTA
## JEW
# L-ART IMQADDSA

### X'INHI T-TERRA SANTA

IT-TERRA SANTA hi dik l-art li fl-Antik Testment kienet tissejjaħ l-"Art ta' Kanaan" jew il-"Kananea". Din l-art, fi żmien il-qedem Alla nnifsu mar iwiegħdha lill-Patrijarka Abram, Ġakobb u n-nisel tagħhom, u, ġaladarba l-kelma t'Alla ma tonqos qatt, il-poplu Iżraelitiku, il-ġens ewlieni ta' Alla, daħal fl-art imwiegħda wara 40 sena li kien ilu fid-deżert ta' l-Eġittu.

Il-lum din l-art tissejjaħ il-"Palestina", jew it-"Terra Santa", jew, bil-Malti, l-"Art Imqaddsa", u tissejjaħ hekk mhux l-iktar għax Alla nnifsu kien wiegħdha lill-poplu tiegħu jew għax kienet l-art tal-Patrijarki u tal-Profeti, u lanqas għax ġewwa fiha saru l-aqwa ġrajja ta' l-Antik Testment, iżda tissejjaħ l-Art Imqaddsa għaliex ġewwa fiha ġraw l-iktar ħwejjeġ għeżież tal-Ġdid Testment. Araw kemm hu hekk, hemmhekk twieled Ġesù u sar Bniedem bħalna, hemmhekk kiber, għex, bata u miet għall-fidwa tagħna l-bnedmin; minn hemmhekk tela' s-Sema sabiex jibgħat lill-Ispirtu Santu fuq l-Appostli biex jinxterdu mad-dinja jħabbru ma' kullimkien l-Evanġelju Mqaddes tiegħu. Minn hemm kienet Marija, għax hemm ukoll twieldet, mietet u telgħet is-Sema bir-ruħ u l-ġisem fuq ġwenħajn l-Anġli; minn hemm kien Pietru l-ewwel Vigarju

ta' Ġesù Kristu; minn hemm kien Pawlu, il-Għaref tal-Ġnus u Missier tagħna l-Maltin; minn hemm kienu l-Appostli l-oħra, u għalhekk bil-jedd kollu nistgħu ngħidu li minn hemm twieldet u ħarġet ir-Reliġjon nisranija tagħna li bħalha għadha ma dehret qatt u anqas tidher reliġjon oħra dment li d-dinja tibqa' dinja. Minn kull fejn inti tgħaddi għandek tiltaqa' ma' tifkiriet, monumenti jew Santwarji li, bla ma trid,



*Bethlem*

ifakkruk fl-aqwa, fl-isbaħ u fl-iktar ħwejjeġ għeżież tagħna l-insara; kull fejn inti tirfes hu mbierek u mqaddes, għax dik l-art ġiet mirfusa, biex ingħid hekk, xiber b'xiber, mill-passi ta' Ġesù, ta' Marija u ta' Ġużeppi li, minn kull fejn kienu jgħaddu, kienu jniżżlu l-barka t'Alla fuq dik l-art, u minn art kienu jagħmluha Ġenna.

Hekku, mela, fi ftit kliem, x'inhi t-Terra Santa jew l-Art Imqaddsa: hi l-pajjiż ta' Ġesù, ta' Marija u ta' Ġużeppi u, mela, tagħna wkoll, għax aħna, bil-magħmudija, sirna l-aħwa ta' Ġesù u wlied ta' Marija.

Iżda ma kienx għadda żmien twil mill-mewt tal-Feddej tagħna Ġesù, meta Alla, inkurlat, qatagħha li għandu jikkastiga lil dak il-poplu Lhudi minħabba dak id-delitt kbir li huwa għamel meta· huwa ħaqar, sallab u ċarċar id-demm ta' Ibnu l-waħdieni; għalhekk, jum wieħed, Alla



*Il-Għar ta' Bethlem*

ippermetta li żewġ ġenerali rumani jmorru jaħbtu għal dak il-poplu u, wara li ħarbtuh u keċċewh 'l barra minn pajjiżu, taw in-nar lill-belt ta' Ġerusalemm u minn dak il-kobor, ġmiel u għana, ma kienx fadal ħlief ġebla fuq oħra. U hekk dawk is-Santwarji, dawk it-tifkiriet sbieħ u għeżież ġew meqrudin, tista' tgħid kollha, u mbagħad komplew iktar jinqerdu meta, wara r-Rumani fil-belt ta' Ġerusalemm u fil-Palestina kollha, daħlu t-"Torok" jew "Għarab" għax dawn kienu u għadhom, b'ruħhom u b'ġisimhom, kontra r-Reliġjon Nisranija tagħna.

## L-EWWEL REBĦA

Imma mbagħad, wara li kienu għaddew ma' dwar 300 sena, Alla nnifsu, imxabba' minn dak it-tkasbir li dak il-poplu barbaru kien qiegħed jagħmel f'dik l-art imqaddsa, bagħat imperatur ieħor, u din id-darba nisrani, Kostantinu l-Kbir, sabiex, flimkien ma' ommu l-qaddisa Elena, ikeċċi 'l barra 'l dak il-poplu sagrilegu u jieħu taħt idejh dawk il-postijiet imqaddsa. Iżda, diżgrazzjatament, wara ftit taż-żmien, it-Terra Santa reġgħet waqgħet f'idejn it-Torok li ma kienx fadlilhom x'jagħmlu biex jitħallsu mill-insara u minn dak kollu li kien nisrani. Għalhekk, imbagħad, l-insara minn kull naħa tad-dinja bdew jinġabru flimkien u jgħaqqdu eżerċti sħaħ ta' suldati li kienu ħadu isem ta' 'Kroċjati', sabiex ilkoll flimkien, taħt bandiera waħda, il-bandiera tas-Salib, jerħula lejn dik l-art u jeħilsuha millmadmad qalil u kiefer tal-Mawmettani. Imma jaħasra, għalkemm dawn il-Kroċjati ippruvaw jagħmlu dan għal kemm-il darba, qatt u qatt ma setgħu jieħdu għal kollox taħt idejhom dawk il-postijiet sbieħ u għeżież tal-fidwa tagħna.

## ID-DAĦLA TAL-FRANĠISKANI

Fl-aħħar, imbagħad, wieħed bniedem kollu kemm hu kattoliku u appostoliku, qaddis, xbieha perfetta ta' Ġesù Kristu, Missierna San Franġisk minn Assisi, armat mhux bix-xwabel u bil-kanuni, iżda biss b'imħabba safja u bis-Salib ta' Kristu, jitlaq għan-naħħa tal-Lvant, jiżbarka fix-xtajtiet tas-Sirja (1219), jidħol fil-belt ta' Ġerusalemm, jibqa' sejjer għand is-Sultan, u bil-kelma qaddisa u mġiba li ssaħħar, jitolbu sabiex



*Ix--Xmara Ġordan*

iħallieh ixandar hemmhekk lil Kristu Msallab għalina. U, ħaġa tal-għaġeb, dak is-Sultan għalkemm kien jobgħod lill-insara, meta ra quddiemu lil dak il-fqajjar ħafi u b'xagħru mqarweż, imlibbes biss b'ċoqqa bir-rqajja u mħażżem minn qaddu b'ħabel abjad, minnflok li tajjarlu rasu bis-sejf tiegħu, ħa grazzja miegħu, taħ kullma talbu, mhux biss, imma wiegħdu li ħadd missuldati tiegħu ma jkun jista' jerfa' idejh fuqu jew jagħmillu xi ħsara. U Franġisku, kollu ferħan, joħroġ minn għand is-Sultan, ixandar malbelt lil Ġesù Feddej tagħna, ħa taħt idejh xi Santwarji mġarrfa, sejjaħ mill-bogħod lill-patrijiet uliedu li, mal-mixja taż-żmien, bdew jirranġaw dawk is-Santwarji u jibnu l-knejjes fuq l-egħżeż tifkiriet tal-passjoni ta' Ġesù, u hekk bil-ftit il-ftit, dawk il-postijiet imqaddsa waqgħu taħt idejn il-Patrijiet Franġiskani.

## PERSEKUZZJONI MAWMETTANA

Dawn il-ġrajja li qiegħed insemmi saru fil-bidu tas-seklu XIII, jiġifieri ma' dwar 730 sena ilu. Minn dak in-nhar 'l hawn il-Patrijiet tagħna Minuri baqgħu dejjem hemm ħdejn il-benniena ta' Ġesù u ħdejn il-qabar glorjuż tiegħu. Imma min qatt jista' jgħidilna u jfissrilna x'ma sofrewx hemm il-Franġiskani ma' tul dan iż-żmien kollu? Għax meta miet dak is-Sultan li kien iħobb daqshekk lil San Franġisk u lil uliedu, is-slaten l-oħra li ġew warajh, ilkoll ippersegwitaw bl-aħrax lill-insara u l-iktar lill-Patrijiet tal-ħabel abjad. Min jaf kemm ġuħ u għaks, ħabs, swat u ktajjen u tixrid id-demm ma swetilhomx dik l-Art Imqaddsa lil dawk l-appostli ma' tul dawn is-seba' sekoli! Jekk nifthu l-kotba

ta' l-istorja Franġiskana aħna nsibu mat-tliet elef patri li qalgħu l-palma u l-kuruna tal-martirju; u din il-qilla jew persekuzzjoni tal-Mawmettani kompliet sejra saż-żmenijiet tagħna, għax bilkemm ilu 50 sena (1895) meta s-suldati Torok qattgħu bċejjeċ bil-bajjunetti tagħhom lil



*Bethfaġe*

Patri Salv minn Kappadoċja, u l-istess xorti messet ukoll lill-Patri Leopoldu Bellucci sewwa sew 46 sena ilu.

U maż-żmien, ma' din il-persekuzzjoni mawmettana, żdiedet ukoll persekuzzjoni oħra, għax ibda mill-Patrijarka ta' Ġerusalemm, fis-seklu XV, ried jieħu taħt idejjh il-Qabar ta' Kristu, u l-Isqof ta' Betlem ried ukoll il-"Għar" fejn twieled Ġesù; hekk ukoll il-Kanonċi Regulari ta' Santu Wistin riedu f'idejhom iċ-Ċenaklu Mqaddes u

l-Patrijiet ta' San Benedittu riedu l-Qabar tal-Madonna. Imma l-Papa Martin V, fl-14 ta' Frar ta' l-1521, amar li dawn is-Santwarji jibqgħu dejjem f'idejn il-Franġiskani. (Ara: Misc. Franc. V. XLIII (1943) p. 235). Wara dawn, imbagħad, tqanqlu wkoll il-Griegi Xiżmatiċi, dawk jiġifieri li nfirdu minna l-insara u ma jridux joqgħodu taħt it-treġija tal-Papa, u bil-qerq, bil-flus u bil-qawwa ta' jdejhom irnexxielhom jieħdu taħt idejhom xi Santwarji li xi drabi jmissu ma' tagħna. Kbir hu ż-żeblih li l-Patrijiet Franġiskani jaraw ta' kuljum minn dawn ix-Xiżmatiċi; kbar huma l-insulti li jaqilgħu minn għandhom. U b'danakollu l-Patrijiet Franġiskani baqgħu dejjem hemm u jibqgħu hemm sa l-aħħar tad-dinja, jgħassu u jindokraw, saħansitra b'tixrid ta' demmhom, dawk is-Santwarji tal-fidwa tagħna.

### IS-SANTWARJI

Il-lum il-ġurnata fl-Art Imqaddsa jinsabu fuq 400 Patri Franġiskan minn kull nazzjon tad-dinja, imqassmin f'70 kunvent, imxerrdin mal-Palestina kollha; qegħdin hemm, nerġa' ngħid, biex jieħdu ħsieb ta' dawk is-Santwarji li jgħoddu ma' dwar is-sebgħin wieħed u fosthom — sabiex insemmi xi ftit — il-Kappella ħelwa ta' l-Annunzjata ġewwa Nazareth, fejn l-Anġlu Gabriel ħabbar lill-Madonna u qalilha li kellha ssir l-Omm ta' l-Iben ta' Alla; il-Għar u l-Maxtura ta' Betlem, fejn l-Omm dejjem Xebba tat lid-dinja lil Binha Ġesù, il-Feddej tagħna, u poġġietu fuq ftit tiben għan-nifs sħun tal-ħmar u tal-għoġol; is-Santwarju fil-Kana tal-Galilea, fejn



*Gerusalemm*

Ġesù biddel l-ilma fl-inbid meta kien mistieden għat-tieġ tal-kuġini tiegħu; is-Santwarju l-ieħor ħdejn il-għadira ta' Ġenezzareth, fejn Ġesù ħatar lil Pietru u għamlu Kap ta' l-Appostli tiegħu; is-Santwarju sabieħ ta' fuq il-muntanja tat-Tabor, fejn l-Imgħallem Divin inqata' mill-art u bidel lilu nnifsu quddiem l-Appostli biex jurihom li huwa kien tabilħaqq il-Messija Mwiegħed; is-Santwarju ta' Bethfage mnejn Ġesù qabad il-ħmar u daħal fuqu trijonfalment fil-belt ta' Ġerusalemm qalb it-tixjir tal-friegħi tal-palm u taż-żebbuġ; il-Ġnien tal-Ġetsemani, fejn Ġesù, awl il-lejl tal-Passjoni tiegħu, għaraq il-għaraq tad-demm u ġie mibjugħ minn wieħed minn tiegħu; u dak is-Santwarju l-ieħor ta' fuq il-għolja tal-Kalvàrju, fejn l-Iben t'Alla ġie mneżża' minn ħwejġu u msallab bejn żewġ ħallelin; u l-Qabar ta' Ġesù fejn il-Bniedem-Alla ġie midfun għal

kważi tliet ijiem sħaħ u mnejn ħareġ rebbieħ fuq il-mewt biex qatt ma jmut iżjed.

Jisgħobbini ngħid li l-isbaħ u l-egħżeż Santwarju, dak jiġifieri li fih Ġesù waqqaf is-Sagrament ta' l-Imħabba, l-Ewkaristija Mqaddsa, l-ewwel Knisja u Omm tal-knejjes kollha, iċ-Ċenaklu Mqaddes, ma jinsabx aktar f'idejn il-Patrijiet Franġiskani, iżda f'idejn il-Mawmettani li, bil-qawwa ta' jdejhom u ta' l-armi, serquh għal darba tlieta; hekk ukoll il-Qabar tal-Madonna li ilu ma' dwar il-mitejn sena f'idejn il-Griegi Xiżmatiċi.

### IL-ĦIDMA TAL-FRANĠISKANI

Qegħdin hemm, mela, ulied Franġisku l-Fqajjar sabiex igħassu kemm jistgħu u sakemm jistgħu, dawn is-Santwarji tal-fidwa tagħna, imsoqqijin bil-Għaraq u d-Demm ta' l-Iben t'Alla. Qegħdin hemm ukoll il-Patrijiet Franġiskani sabiex jieħdu ħsieb ta' 49 parroċċa mxerrdin fil-Palestina, fl-Eġittu, fis-Sirja u ġewwa Ċipru; qegħdin hemm ukoll biex jieħdu ħsieb ta' 61 skola li fihom igħallmu, bla ebda ħlas, lil sitt elef tfal u żgħażagħ; qegħdin hemm sabiex jieħdu ħsieb ta' żewġ orfanatrofji, jew djar ta' tfal iltiema li, xi drabi, ilaħħqu ma' dwar il-mitejn wieħed; qegħdin hemm sabiex iduru bil-morda u l-iktar fiż-żmenijiet imgħoddija meta l-pesta kienet teqred mijiet u eluf ta' nsara, Lhud u Torok; qegħdin hemm il-Patrijiet Franġiskani biex jilqgħu fi djarhom lill-pellegrini nsara li, fi żmien il-paċi, imorru hemm bil-mijiet, minn kull naħħa taddinja nisranija, iżuru u jitolbu fuq dawk it-tifkiriet għeżież li ħallilna Ġesù, il-Madonna u l-Appostli; qegħdin hemm fl-aħħarnett sabiex jieħdu ħsieb ta' l-erwieħ insara, sabiex jiffunzjonaw il-Knejjes u l-Bażiliki tagħhom, sabiex iqimu u



*Il-Ġnien tal-Getsemani*



*Fuq il-Kalvarju*

jfaħħru 'l Alla fihom u jitolbuh ħniena għall-midinbin u jgħaġġel juri t-triq tas-sewwa lil dawk l-imsejknin illi għadhom mingħajr l-Evanġelju u fl-idolatrija.

### PRIVILEĠĠI KBAR

Mhux ta' b'xejn, mela, li l-Papiet, sa minn żmien il-Fqajjar ta' Assisi, faħħru dejjem ix-xogħol u l-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani fil-pajjiż ta' Ġesù; mhux ta' b'xejn li lill-Patrijiet Franġiskani Minuri tawhom privileġġi kbar li għandhom x'jaqsmu ma' l-Art Imqaddsa u fosthom il-privileġġ li huma biss, fil-knejjes tad-dinja kollha, jistgħu jwaqqfu l-Istazzjonijiet tal-Vija Sagra u jbierku s-slaleb bl-indulġenzi ta' l-istess Vija Sagra; mhux ta' b'xejn nerġa' ngħid, li l-Vigarji ta' Kristu fuq din l-art ħeġġu kemm fel-



*Il-Qabar ta' Kristu*

ħu lill-insara tad-dinja kollha biex igħinu kemm jistgħu, sewwa bit-talb kemm ukoll bl-elemożina lil dawk il-patrijiet qalbiena li ħallew kollox, lil qrabathom u lil arthom, sabiex imorru fl-Art Imqaddsa. Riedu wkoll il-Papiet li l-insara li jgħinu lit-Terra Santa jkollhom sehem mill-ġid kollu tar-ruħ li jsir mill-missjunarji, mit-tfal il-tiema u mill-insara ta' hemm u fuq kollox ikollhom sehem minn madwar 25,000 quddiesa fis-sena li l-patrijiet Minuri tat-Terra Santa jqaddsu b'xejn, jew aħjar, mingħajr elemożina, għall-bżonnijiet tal-benefatturi.

## INDULĠENZI OĦRA

Il-Papa Ljuni XIII, biex iktar iħajjar lill-insara jgħinu lill-Missjunarji tat-Terra Santa u jinkitbu fl-''Opra għażiża tal-Qabar ta' Kristu'', ta Indulġenza Plenarja li tista' tintrebaħ nhar il-Milied, nhar il-Għid il-Kbir u waqt il-mewt, u lil dawk kollha li jħabirku għal din l-Opra tal-Qabar ta' Kristu, li aħna nsejħulhom 'Żelaturi' u 'Zelatriċi', tahom ukoll Indulġenza Plenarja oħra li tkun tista' tintrebaħ nhar l-Ewwel tas-Sena, jew l-Istrina, u nhar Santa Marija. U min ikollu x-xorti jirbaħ Indulġenza Plenarja, anki waħda biss, jinħafrulu l-pwieni kollha ta' dnubietu li tabilfors ikollu jħallas jew f'din id-dinja jew fil-Purgatorju u, li għalhekk, min jirbaħha waqt il-mewt, ruħu tittajjar lejn is-Sema bla ma tmiss, għal ħin wieħed biss, ma' dak in-nar qalil. U dawn l-Indulġenzi jistgħu jiġu applikati wkoll lill-Erwieħ tal-Purgatorju, u dan ifisser li meta xi ħadd jirbaħ Indulġenza Plenarja lill-Erwieħ, dak il-ħin stess ikun salva ruħ minn



*Tfal Subien iltiema*



*Tfal Bniet iltiema*



*Għall-Karità minn għand il-Patrijiet*

dawk in-nirien u jibgħatha l-Ġenna. Mhuwiex dawn forsi xita ta' grazzji li jagħtuna l-Papiet bis-setgħa tagħhom bħala Vigarji ta' Ġesù Kristu f'din l-art?

GĦELUQ

U, mela, ma ninsewx fit-talb tagħna, bħalma kien ordna ftit taż-żmien ilu l-mibki Ġeneral ta' l-Ordni tal-Minuri, lil Ulied il-Fqajjar ta' Assisi li ilhom fil-pajjiż ta' Ġesù fuq is-seba' mitt sena, b'sagrifiċċju kbir ta' ħajjithom; nitolbu għalihom u ngħinuhom kif u kemm nistgħu, u l-aktar billi ninkitbu fl-"Opra għażiża tal-Qabar ta' Kristu", għax fl-aħħar mill-aħħar, dik l-għajnuna li aħna nagħtuhom, ma tkunx għalihom infushom, iżda lil Ġesù nnifsu, lil pajjiżu l-għażiż u l-iktar lil dak il-Qabar glorjuż mnejn l-Iben t'Alla ħareġ rebbieħ fuq il-mewt biex qatt ma jmut iżjed.